Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Joseph Busuttil]

vs

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 216/2021

Illum, erbgha (4) ta' Dicembru 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità 291704L akkuzat talli f'xi gurnata minn Dicembru -Omissis- u x-xhur u s-snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' ta'-sittax (16) il-sena u cioe' -Omissis- ID -Omissis- mwielda fit--Omissis-;**
   **Art 204C (1) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

2. **Ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta.**
   **Art 208A ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlettax (13) ta' Ottubru, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija fil-konfront ta' -Omissis- u cioè:-

1. Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikolu 204C (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 208A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

IKKUNSIDRAT

Illi xehed **l-Ispettur Joseph Busuttil** li pprezenta certifikat tat-twelid tal-imputat kif ukoll tal-parte civile, il-fedina penali tal-imputat, rapport, ittra bid-drittijiet, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-assistenza legali u DVD tal-istqarrija tal-imputat. Jghid li gie infurmat li minuri certu -Omissis- kellha panic attack stante li ghaddiet minn esperjenza kerha. Ghamel appuntament mal-Appogg biex jitkellem mal-istess minuri fejn spjegat li l-kaz inkwistjoni beda bejn wiehed u iehor sitt (6) xhur qabel meta ddecidiet biex tiehu ritratt taghha hi u tippartecipa f'sess orali mal-imputat.

Jixhed li dan ir-ritratt ittiehed minnha stess u bil-mobile taghha stess. Ikompli jixhed li meta gie mitkellem l-imputat hu ammetta li kien f'relazzjoni sesswali mal-parte civile u li twaqqaf kollox meta kellhom argument bejniethom. Jghid ukoll li l-imputat stqarr

li kienet il-parte civile li hadet ritratti u dan minkejja l-oggezzjoni tieghu. Jghid però li wara ma kellux oggezzjoni ghat-tehid ta' tali ritratti. Ikompli jghid li meta l-parte civile sabet hbieb godda kienu dawn l-istess hbieb li riedu jaraw ir-ritratt li hadet hi u minn hemm l-affarijiet ikkumplikaw ruhhom. Jixhed li l-imputat kien jaf kemm kellha zmien il-parte civile meta kienu f'relazzjoni sesswali.

Xehdet <u>Dr Katya Vassallo</u> li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok KV1.

Xehdet <u>Katya Cachia</u> social worker fi hdan il-FSWS li tghid li ltaqghet mal-parte civile bejn Frar u Marzu tas-sena 2021. Tghid li -Omissis- stqarret maghha li kellha relazzjoni sesswali ma guvni. Tixhed li ma tafx x'jismu dan il-guvni stante li l-genituri tal-parte civile ma ridux jiffokaw fuqu. Tghid li dak iz-zmien il-parte civile kellha tlettax (13)-il sena meta kienet attiva sesswalment ma' dan il-guvni u li sahansitra anka ttiehed ritratt waqt li hi kienet qieghda tippartecipa f'sess orali. Tghid li kienet omm il-parte civile li ressqet l-ewwel rapport rigward il-parte civile stante li kienet inkwetata hafna bl-imgiba taghha. Tghid li din l-imgiba gabet nuqqas ta' interess fl-iskola fejn is-soltu l-parte civile kienet

tibrilla. Tghid li l-omm kienet inkwetata wkoll fuq il-fatt li t-tifla taghha kellha relazzjoni sesswali ma' dan il-guvni.

Xehdet il-parte civile **<u>-Omissis-</u>** li gharfet lill-imputat u tghid li saret taf lill-imputat tramite l-mezzi socjali u li kienu bdew johorgu flimkien fis-sena -Omissis- u hassru bejniethom f'nofs is-sena -Omissis-. Tghid li f'dan il-perjodu li ltaqghu hi kellha tnax (12)-il sena filwaqt li l-imputat -Omissis- kellu hmistax (15)-il sena. Tkompli tghid li fil-bidu tas-sena -Omissis- hi ppartecipat f'sess orali mal-imputat u li hadet ritratt ta' dan hi stess bil-mobile taghha. Tghid li bejniethom kien ikollhom attivitajiet sesswali u li dawn graw seba' (7) darbiet. Tixhed li l-allegat ritratt hassritu hi stess minn fuq il-mobile. Tikkonferma wkoll li kienet hi stess li baghtet ir-ritratt lill-imputat tramite l-Facebook Messenger. Tixhed li hassret ukoll ic-chats ta' bejniethom u li sahansitra bidlet l-account tal-Facebook Messenger kif ukoll il-mobile nnifsu ghal xi tliet (3) darbiet. Tghid ukoll li hi marret l-Appogg ghax riedet hi kif ukoll ghax riedet ommha u dan wara li kellha dizgwit fuq ir-ritratt ma' shabha u mhux minhabba l-imputat -Omissis-. Tixhed ukoll li minn wara li hassret minn mieghu ma regghetx kellmitu.

Xehed **Keith Cutajar** li gie nominat minn din il-Qorti bhala espert fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena 2021 u dan sabiex jezamina s-software li ntuza sabiex jintbaghtu l-allegati messaggi u jipprova jtella' c-chat history ta' bejn il-parte civile u l-imputat fejn jissemma' l-allegat ritratt. Jghid li waqt l-inkarigu tieghu skontra diffikultajiet fis-sens li dan ic-chat history ma nstabx stante li gew imhassra mill-parte civile stess. Jikkonferma wkoll li l-mobile stess hassar kull tip ta' data li seta' jigbed stante li s-sistema tal-istess mobile ghandu retention period ta' tletin (30) jum.

Xehed **PC 1425 Adrian Ciappara** li kkonferma r-rifjut tad-dritt tal-Avukat li nghata lill-imputat (immarkat bhala Dok. JB6). Jghid li filwaqt li jaghraf lill-imputat qieghed jaghraf ukoll il-firma tieghu fuq l-istess dokument kif ukoll il-firem ta' PC2040 Kelsey Bugeja u ta' omm l-imputat – cioè -Omissis-.

Xehdet **PC 2040 Kelsey Bugeja** li kkonfermat ir-rifjut tad-dritt tal-Avukat li nghata lill-imputat (immarkat bhala Dok. JB6). Tghid li filwaqt li taghraf lill-imputat qieghda taghraf ukoll il-firma taghha fuq l-istess dokument kif ukoll il-firem ta' PC 1425 Adrian Ciappara u ta' omm l-imputat – cioè -Omissis-. Tikkonferma wkoll

li d-DVD immarkat bhala Dok. JB7 hija l-istqarrija tal-imputat. Tghid li hi kienet prezenti meta giet mitkellma l-parte civile gewwa l-Appogg. Tghid li l-parte civile stqarret li waqt li kienet mal-imputat hadet ritratt hi stess meta ppartecipat f'sess orali.

Xehdet **<u>-Omissis-</u>** li tghid li hija omm il-parte civile. Tghid li l-parte civile -Omissis- kellha ritratt intimu mal-imputat li dan ixxerred mal-hbieb taghha. Tixhed li l-imputat kien f'relazzjoni mat-tifla taghha. Tammetti li hi qatt ma rat ir-ritratt allegat u li saret taf b'dan ir-ritratt ferm wara. Tixhed li dan ir-ritratt kien juri lill-parte civile twettaq sess orali fuq l-imputat. Tkompli tghid li dan ir-ritratt intuza mill-hbieb taghha sabiex jhedduha u jgieghluha taghmel li riedu huma. Tghid li l-imputat kien jibghat ritratti intimi tieghu stess lill-parte civile. Tikkonferma li llum il-gurnata ma jezisti ebda relazzjoni bejn il-parte civile u l-imputat. Tkompli tghid li dak iz-zmien li kienu f'relazzjoni l-parte civile kellha tnax (12)-il sena filwaqt li l-imputat kellu sittax (16)-il sena. Tghid li minn mindu din l-affari l-parte civile giet affettwata fis-sens li marret lura skolastikament.

## <u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi l-imputat -Omissis- qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat -Omissis- u l-minuri -Omissis- kien wiehed kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku. Illi hareg car illi l-minuri -Omissis- kienet konsapevoli ta' dan l-att sesswali tant illi hija stess tixhed li dik id-darba ma kinitx l-ewwel darba li kellha esperjenzi sesswali mal-imputat.

Hareg car ukoll illi kienet l-istess -Omissis- li pproponiet lill-imputat sabiex jiehdu ritratt taghhom jaghmlu l-attivitajiet sesswali u li l-imputat ghall-ewwel irrifjuta izda mbaghad ceda stante l-insistenza tal-parte civile. Hareg ukoll illi dan ir-ritratt ittiehed mill-mobile tal-istess -Omissis-.

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat (Dok. JB1) u tal-minuri -Omissis- (a fol. 2) illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu sittax (16)-il sena u l-minuri -Omissis- kellha tlettax (13)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' tliet (3) snin biss.

Illi gialdarba z-zewg partijiet involuti f'dawn l-atti kkonfermaw li sar l-att sesswali bil-kunsens, l-età ta' bejniethom kienet qrib hafna u li l-maturità rispettiva taghhom hija simili tant li ma gie riskontrat l-ebda dizabilità mentali fl-ebda miz-zewg partijiet, il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika f'dan il-kaz din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz. Illi l-Qorti tinnota wkoll l-

età tenera tal-imputat meta gie kommess dan ir-reat tant li kien ghadu minorenni.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza u cioè t-tixrid ta' materjal pornografiku ta' persuni taht is-sittax (16)-il sena hareg car illi l-*mens rea* tal-imputat, kif ukoll daltronde tal-minuri, ma kienx li dan il-filmat jinxtered izda li jibqa' privat bejniethom u dan kien irrekordjat fuq il-mobile tal-istess minuri u mhux tal-imputat. Illi gialadarba illi l-parte civile stess hassret kwalunkwe messaggi u ritratti li setghu ttiehdu, il-Qorti hija sprovvista minn provi li jmorru lil hinn mill-ombra tad-dubju sabiex l-imputat jinstab hati taht din l-imputazzjoni.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31(1)(b)(vii), 37(2), 204C(1) u (3) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati biss tal-ewwel (1) akkuza u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq

nuqqas ta' provi u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Ulterjorment il-Qorti qed timponi lill-imputat **-Omissis-** sabiex ihallas l-ispejjez peritali li jammontaw ghal hdax-il ewro u tlieta u tmenin centezmu (€11.83).

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**